# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-29 ta' Novembru 2012

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra

(2013/66/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Novembru 1995, il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra ([1]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ewro-Mediterranju") ġie ffirmat.

(2) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tmexxi negozjati sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni akbar fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran. In-negozjati mal-Iżrael kienu konklużi b'suċċess fit-18 ta' Lulju 2008. Ir-riżultati ta' dawk in-negozjati jinsabu fi Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael li jikkonċerna miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut, is-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 u l-Annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra ([2]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim tal-2010"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

(3) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2010, il-Kummissjoni Ewropea u l-Iżrael kellhom għadd ta' laqgħat tekniċi relatati mal-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-laqgħat urew li ċerti aġġustamenti tekniċi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju kienu meħtieġa sabiex ikun hemm konformità mal-impenji tal-Ftehimiet preċedenti bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael, li daħlu fis-seħħ fl-2000 u fl-2006. Fid-19 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni u l-Iżrael ikkonkludew in-negozjati tal-aġġustamenti tekniċi neċessarji, li jinsabu fi Ftehim ġdid fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-ftehim ġie ffirmat fit-18 ta' Ġunju 2012, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/338/UE ([3]),

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, bid-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni previst fil-Ftehim, sabiex tiġi espressa l-approvazzjoni tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim ([4]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. SYLIKIOTIS

---

([1]) ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

([2]) ĠU L 313, 28.11.2009, p. 83.

([3]) ĠU L 166, 27.6.2012, p. 1.

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.